Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 31/2014/1

**Ronald Apap (appellat)**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija (appellant)**

5 ta' Ottubru, 2018.

1. Il-kaz hu dwar applikazzjoni ghal-licenzja ta' Gwardjan Privat. Il-Kummissarju tal-Pulizija appella mis-sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva li biha ddikjara li d-decizjoni tal-appellant hi nulla ghaliex inghatat wara t-terminu ta' erba' gimghat li jissemmew fl-artikolu 9 tal-Kap. 389. Il-parti dispozittiva tas-sentenza taqra:`

   *"Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jiddikjara li d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 7 ta' Marzu 2014 fir-rigward tat-talba tar-Rikorrent ghall-hrug ta' Licenza ta' Gwardjan Privat f'ismu, hija nulla u nvalida fil-Ligi in kwantu moghtija oltre t-terminu ta' erba' gimghat prefiss fl-Artikolu 9 tal-Kap. 389 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-appell tar-Rikorrent"*.

2. Fit-tielet eccezzjoni l-appellant argumenta li t-Tribunal ghandu jiddeciedi dwar jekk ir-rifjut tal-applikazzjoni kinitx gusta jew le u mhux jekk inghatatx fiz-zmien kontemplat mil-ligi. Inoltre, l-appellat m'huwiex persuna idonea biex tinghata dik it-tip ta' licenza. Il-Kap. 389 ma jipprovdix li jekk jiskadi t-terminu d-decizjoni tkun wahda nulla. In-nuqqas tal-intimat li jaghti decizjoni fil-hin m'ghandhiex titqies bhala accettazzjoni tal-applikazzjoni, izda semmai bhala rifjut kif jirrizulta minn ligijiet ohra.

3. B'rikors prezentat fl-4 ta' Mejju, 2016 l-appellant appella mis-sentenza. L-aggravju jkun b'riferenza ghar-ragunament tat-Tribunal li wasslu biex jikkonkludi li d-decizjoni tal-appellant hi nulla.

4. Fis-17 ta' Mejju, 2016 l-appellat pprezenta twegiba fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

5. L-artikolu 9 tal-Att dwar Gwardjani Privati u Ufficjali tal-Komunita (Kap. 389) jipprovdi li wara li l-Kummissarju tal-Pulizija jikkunsidra applikazzjoni, ghandu fi zmien 4 gimghat mill-gheluq tax-xahar mill-pubblikazzjoni ta' avviz sabiex toggezzjona bil-miktub ghall-hrug ta' licenza ta' gwardjan privat ghal xi raguni li tissemma fl-artikolu 10, johrog il-licenza jew jirrifjuta l-applikazzjoni.

6. Fil-kaz in ezami jirrizulta li:

   i. L-avviz fil-gazzetta tal-gvern kien pubblikat fil-5 ta' Novembru, 2013;
   ii. B'ittra datata 7 ta' Marzu, 2014 l-appellant gharraf lill-appellat li l-applikazzjoni tieghu kienet rifjutata skont l-artikolu 10(b) fl-interess pubbliku, minhabba diversi sentenzi fil-konfront tieghu.

7. Hu ghalhekk evidenti li l-appellant ma ddecidiex fit-terminu ta' xahar li jissemma fl-artikolu 9.

8. Fir-rikors promotur li pprezenta fit-28 ta' Marzu 2014, l-appellant talab lit-Tribunal sabiex:

   *"…. Jhassar u jirrevoka l-imsemmija decizjoni, billi jilqa' l-aggravji tal-esponent u konsegwentement jilqa' t-talba tal-esponent ghall-hrug ta' licenzja ta' gwardjan lokali f'ismu, bl-ispejjez kontra l-appellat".*

9. Fir-rikors promotur l-appellat argumenta li gialadarba l-Kummissarju tal-Pulizija ma ddecidiex l-applikazzjoni fiz-zmien ix-xahar li jissemma fl-artikolu 9, allura l-applikazzjoni ghandha titqies bhala accettata; *"ghaliex altrimenti jekk jinghad mod iehor wiehed ikun qed jaccetta illi t-termini illi timponi l-ligi sabiex ikun hemm amministrazzjoni kif imiss, jistghu jigu skartati b'mod mill-aktar abbundanti u ma jkunu jiswew xejn".* It-Tribunal stess irrikonoxxa li l-fatt li d-decizjoni nghatat wara li skada x-xahar m'ghandux iwassal biex l-

appellat jinghata licenza ta' gwardjan privat. Dan hu ovvju. M'hemmx disposizzjoni tal-ligi li taghti konfort lit-tezi tal-appellat.

10. Il-qorti ma taqbel xejn mal-bqija tar-ragunament tat-Tribunal. Fl-ewwel lok il-ligi ma tipprovdix li d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija hi nulla jekk ma jiddecidiex fi zmien xahar. Inoltre, il-qorti tistaqsi bil-mod li ddecieda t-Tribunal, x'isir mill-applikazzjoni tal-appellat? It-Tribunal ma qalx u fil-fatt halla lill-appellat minghajr twegiba dwar l-applikazzjoni tieghu.

11. Il-ligi stess issemmi l-kazijiet fejn applikazzjoni ghal-licenza ta' gwardjan privat ghandha tigi rifjutata (ara 10 tal-Kap. 389). Disposizzjoni li ma tistax tingieb fix-xejn ghas-semplici fatt li d-decizjoni nghatat wara li kien ghadda xahar mill-pubblikazzjoni tal-avviz li jsir skont l-artikolu 8 tal-Kap. 389.

12. Ghaldaqstant, l-applikazzjoni kellha tintlaqa' jew tigi rifjutata fuq il-meritu tal-kaz. It-terminu mpost mil-ligi hu ntiz sabiex l-applikant jinghata decizjoni fl-iqsar zmien possibbli u xejn iktar.

13. Pero' bil-mod li ddecieda t-Tribunal gie li l-appellant m'ghandu l-ebda rimedju, ghajr li jerga' japplika ghal-licenza ta' gwardjan privat. Dan m'ghandux ikun. L-applikazzjoni ghandha tkun deciza fil-meritu u mhux ghaliex ikun skada t-terminu ta' xahar.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u thassar is-sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva tal-14 ta' April, 2016, u:**

i. **Tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-appellant biss sa fejn din tirreferi ghat-terminu li jissemma fl-artikolu 9 tal-Kap. 389;**
ii. **Tichad it-talba tal-appellat sabiex jinghata licenza ta' gwardjan ghar-raguni li l-appellant ta d-decizjoni wara li skada t-terminu kontemplat fl-artikolu 9 tal-Kap. 389.**

**Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-appellat. In vista ta' din id-decizjoni, l-ewwel eccezzjoni li ta l-appellant hi ezawrita.**[1]

**Tibghat l-atti lura quddiem it-Tribunal sabiex jiddeciedi dwar it-tieni u tielet raguni li ssemmew fir-rikors promotur ghalfejn l-appellant jippretendi li ghandu jinghata licenzja ta' gwardjan.**

Anthony Ellul.

---

[1] *"1. Illi in linea preliminari l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jecepixxi illi dan it-Tribunal m'ghandux kompetenza jisma' l-ilment tar-rikorrenti stante illi fir-rikors odjern r-rikorrent qed jallega illi l-awtorita' ma tatx decizjoni fi zmien stipulat u li allura ghandha titqies bhala accettazzjoni tal-applikazzjoni. Qed jigi eccepit illi t-Tribunal m'huwiex il-forum adattat biex jistharreg din il-kwistjoni izda stharrig gudizzjarju ta' dan it-tip dwar jekk decizjoni inghatatx fil-hin jew le ghandu jsir quddiem Qorti ohra komposta taht ligi differenti u mhux quddiem dan l-Onorabbli Tribunal".*